# Skeda Informattiva dwar il-Mikroplastiks

## 1907



**L-ewwel tip ta' plastik li qatt inħadem b'mod kompletament sintetiku**, il-Bakelite, ġie skopert fis-sena 1907, u dan biddel darba għal dejjem il-mod ta' kif ngħixu.

## 1955



Qoxra tal-magazine 'Life' mis-sena 1955 iċċelebra l-kultura konsumeristà tal- **"Uża u Armi"** li kull ma jmur kienet qed tikber u tiżdied.

## 2020



L-użu tal-plastik **mad-dinja kollha** wassal għat-**tniġġis tal-plastik** mad-dinja kollha.

## 2022+

F'Marzu tas-sena 2022, l-**Assemblea Ambjentali tan-Nazzjonijiet Magħqudin (UNEA)** għaddiet reżulezzjoni għal-**trattat globali fuq il-plastik** bl-isem ta' '**End Plastic Pollution: Towards a Legally Binding Instrument'**. Bħalissa għaddejjin in-negozjamenti dwar dan bil-ħsieb li jlestu sas-sena **2024**.

## X'inhuma l-mikroplastiks?

**Il-Mikroplastiks** huma **partiċelli stintetiċi b'daqs ta' bejn 1 μm u 5000 μm**. Dawn jiġu minn **ħafna sorsi differenti** u ġeneralment **jispiċċaw fil-baħar** jew **fuq ir-ramel. ** Illum tista' ssib **biċċiet ta' plastik** u **partiċelli ta' mikroplastiks** fil-**baċiri oċeanji**, fl-**ekosistemi**, fil-**ħabitats**, u fix-**xbieki tal-ikel kollha** ta' madwar id-dinja.

*μm = mikrometru

### Nurdles u Mikroplastiks li Jintużaw b'Mod Intenzjonali



In-**nurdles** huma manifatturati u **użati b'mod kummerċjali fl-industrija tal-plastik** bħala **materja prima għall-immanifatturar ta' prodotti**. Dawn huma **partiċelli żgħar** li **jiddewbu biex jintużaw** f'prodotti varji, minn **kożmetiċi** u **prodotti tat-tindif** sa **ppakkeġġjar tal-ikel** u **siġar tal-Milied!**

Ċerti prodotti ta' konsum għandhom fihom **mikroplastiks u mikrożibeġ li jkunu ġew miżjuda fil-prodott għal tal-apposta**, imma dawn qed jiġu **mneħħija gradwalment**, ngħidu aħna **fl-industrija tal-kożmetiċi**. Dawn it-tipi ta' mikroplastiks jafu jiġu **rilaxxati direttament fl-ambjent** meta l-prodott jiġi użat jew **inkella bi żball**.

### Mikroplastik maħluq bi żball



Jeżistu wkoll mikroplastiks li jiffurmaw meta **biċċiet kbar ta' plastik**, ngħidu aħna **fliexken tal-ilma, fibri tat-tessut, tajers, u boroż tal-plastik, jitmermru**. Dat-tmermir iseħħ minħabba li l-plastik jkun ġie **espost għall-elementi ambjentali**, speċjalment għad-dawl ultravjola li ġej mix-**xemx**, għall-**mewġ** tal-baħar, u għar-**riħ.**

L-ANDROMEDA huwa proġett internazzjonali, iffinanzjat mill-JPI Oceans, li qed jiżviluppa metodi ġodda ta' kwantifikazzjoni ta' nanoplastiks u mikroplastiks u d-degredazzjoni tagħhom fl-ambjent marittimu. Għal iżjed informazzjoni u riżorsi żur is-sit **www.ocean.mt/2023/03/02/andromeda**

# Skeda Informattiva dwar il-Mikroplastiks

**Il-Mikroplastiks** jafu jkunu wkoll **sors ta' kimiċi. Meta jiġi mmanifatturat il-plastik**, jitfgħulu fih **addittivi**, ngħidu aħna **assorbituri tal-UV** jew **plastiċizzanti** (li jrattbu l-materjal u jagħmluh iżjed flessibli). Dawn il-kimiċi jafu **jispiċċaw fl-ambjent.** Minħabba l-ammont kbir u d-daqs ċkejken tal-mikroplastiks li ssib fl-ambjent, huwa **diffiċli ħafna biex tneħħihom minn hemm**.

## Kif il-mikroplastiks jispiċċaw fix-xibka tal-ikel?

Il-mikroplastiks **jispiċċaw fix-xibka tal-ikel meta jittieklu minn ħlejjaq mikroskopiċi bħall-plankton** li imbagħad jittiekel mill-**ħut**. Il-**ħut**, kif ukoll molluski bħall-**maskli** u l-**gajdri**, ġieli wkoll **jibilgħu direttament** il-mikroplastiks. Il-maġġor parti tal-mikroplastiks **jgħaddu malajr mill-intern tal-ħlejjaq** u **joħorġu mall-ħmieġ**! Iżda **l-iżgħar fost il-mikroplastiks** jafu jibqgħu fil-ħlejjaq.

Il-plankton jitqiesu bħala **ħlejjaq ta' livell trofiku baxx**, filwaqt li l-ħut jitqies bħala **ta' livell trofiku għoli**. Il-**livell trofiku** huwa l-**livell** jew **pożizzjoni** li l-**ħlejqa tokkupa fix-xibka tal-ikel**.



**It-tniġġis tal-plastik huwa l-affari ta' kulħadd!**

*Żur is-sit **www.ocean.mt/2023/03/02/andromeda** għal iżjed informazzjoni u riżorsi*

**L-ANDROMEDA huwa ffinanzjat mill-JPI Oceans bis-saħħa tal-finanzjament minn dawn l-aġenziji nazzjonali: Il-Belġju:** L-Uffiċju Federali Belġjan għall-Politika tax-Xjenza (BELSPO), **Franza:** L-Aġenzija Nazzjonali għar-Riċerka (ANR), **L-Estonja:** Il-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika tal-Estonja (MoE) u l-Kunsill Estonjan għar-Riċerka (ETAg); **Il-Ġermanja:** Il-Ministeru Federali għall-Edukazzjoni u r-Riċerka (BMBF), **L-Irlanda:** L-Istitut Marittimu, u d-Dipartment għall-Housing, l-Ippjanar u l-Iggvernar Lokali (DHPLG); **Malta:** Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST); **In-Norveġja:** Il-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka (RCN); **Spanja:** L-Aġenzija Statali Spanjola għar-Riċerka (AEI); **L-Isvezja:** Il-Kunsill Svediż tar-Riċerka fuq l-Ambjent, ix-Xjenza Agrikulturali u l-Ispatial Planning (FORMAS). **Koordinatur tal-Proġett:** richard.sempere@mio.osupytheas.fr